MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 463/2004

**Methode Electronics Malta Limited**

**vs**

**GC Autocentre Services Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tlett mija u tnejn u ghoxrin Lira u disgha u erbghin centezmu, (LM2,322.49,0), rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici in konsegwenza ghal hsarat fuq it-truck bin-numru ta' registrazzjoni MML –**

**017, ghal liema danni s-socjeta konvenuta hija unikament responsabbli;**

**Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-3 ta' Mejju tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------